MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 57/2024 LM

**CoseCasa Ltd (C 15933)**
*('l-appellanta')*

***vs*.**

**Jake Gauci (K.I. nru. 351690(M))**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **CoseCasa Ltd (C 15933)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] minn digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta)[minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] mogħti fit-8 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-digriet appellat'], fejn iddeċidiet it-talba tal-intimat **Jake Gauci (K.I. nru. 351690(M))**[minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

*"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrent eżekutat u tirrevoka l-mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 463/2024 fl-ismijiet premessi. Spejjeż kontra l-intimata eżekutanta".*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw mandat ta' qbid eżekuttiv numru 463/2024, li s-soċjetà appellanta ottjeniet mill-Ewwel Qorti kontra l-appellat, bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv konsistenti fi tlettax-il kambjala li kienu mmaturaw u ġew reżi eżekuttivi permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-25 ta' Mejju, 2023, taħt l-artikolu 253 u s-subartikolu 265(2) tal-Kap. 12. In segwitu għall-ħruġ tal-imsemmi mandat ta' qbid eżekuttiv, l-appellat intavola rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 254 tal-Kap. 12.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat fl-istess waqt intavola rikors quddiem l-Ewwel Qorti fit-12 ta' Marzu, 2024, fejn talab lil dik il-Qorti sabiex:

*"...tħassar u tirrevoka l-mandat eżekuttiv bin-numru 463/2024 fl-ismijiet "CoseCasa Ltd vs Jake Gauci" fit-totalità tiegħu u dan a tenur tal-Artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Salv kull provvediment ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż."*

4. Is-soċjetà appellanta eċċepiet is-segwenti:

1. *"Illi permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrent Jake Gauci (ir-"Rikorrent"), qed jitlob primarjament li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka l-mandat ta'*

*Qbid Eżekuttiv fl-ismijiet fuq premessi liema mandat inħareġ abbażi ta' titolu eżekuttiv li s-soċjetà esponenti ottjeniet* ai termini *tal-Artikolu 253(3) tal-istess Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi r-Rikorrent qed jibbaża r-Rikors odjern tiegħu fuq il-fatt li huwa intavola rikors dejjem* ai termini *tal-imsemmi Artikolu 253(e) (fn. 1 Rikors Numru 181/2023) permezz ta' liema qed jitlob li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-kambjali li ġew reżi eżekuttivi permezz ta' ittra uffiċjali intavolata* ai termini *tal-Artikoli 253 u 265(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (fn. 2 Ittra Uffiċjali Numru 1640/2023, Qorti tal-Maġistrati (Malta).) Dan ir-rikors sal-lum għadu mhux degretat – kif ammess mill-istess Rikorrent – u kwindi sal-lum is-soċjetà esponenti tgawdi titolu eżekuttiv validu u ma hemm l-ebda ordni daparti ta' Qorti li dan it-titolu eżekuttiv ma jistax jiġi esegwit.*

3. *Illi għalhekk l-argumenti tar-Rikorrent li s-soċjetà esponenti kellha tintavola mandat kawtelatorju* ai termini *tal-Artikolu 833Ċ tal-Kap. 12 huma bir-rispett kollu legalment bla ebda bażi u kompletament insostenibbli.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, inkwantu jikkonċerna l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 il-qrati tagħna kostantement ippronunzjaw ruħhom dwar il-portata ta' dan l-Artikolu. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet* ***"Dr Georg Sapiano -vs- Jette Scott"*** *(fn. 3 Qorti tal-Appell, Rik. Nru. 308/2016, deċiż 25.xi.2016) il-Qorti kienet qalet:*

Fil-każ fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 226/14 fl-ismijiet **Anthony Charles John Cassar et vs Carmen German et deċiż fis-6 ta' Mejju 2015** din il-Qorti qalet hekk b'referenza għal ġurisprudenza tal-Qrati dwar din il-materja:

"...fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana**, deċiża fil-5 ta' Mejju 2005 per Onor. Imħ. Joseph R. Micallef: **"Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skont il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba ikun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma"** (Enfasi ta' din il-Qorti) "Vide ukoll **Joseph Spiteri vs Anthony Perry et** digriet interolukotrju deċiż fl-14 ta' Novembru 1994. U sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta P.l.c. (C 3177) vs Doris Conchin** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef fit-28 ta' Lulju, 2011 u ikkonfermata fl-appell: "**l-għan li għaliha ddaħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal**

**raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra";** (Enfasi ta' din il-Qorti). Min mbagħad jrid jattakka l-esekuzzjoni ta' Mandat jrid jipproċedi skont l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12. Illi skont l-insenjament mogħti fis-sentenza **Baystreet Holdings Limited (C 120858) vs Walter Zammit Cachia et** deċiża fis-7 t'April 2009 mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef:

**"Illi l-prattika stabbilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum, il-ġurnata din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawża, mhux biss mhuwiex wieħed maħluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura."** Vide wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Anthony sive Antoine Vassallo et vs HSBC Bank Malta plc** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mill-Onor. Imħallef Mark Chetcuti nhar l-4 ta' Ottubru, 2011."

5. *Illi kif digà intqal, fil-proċeduri odjerni il-kontestazzjoni tar-Rikorrent hija essenzjalment li, ġaladarba huwa ppreżenta rikors li permezz tiegħu qed jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali li ġew reżi esekuttivi, allura dan il-fatt* di per se *jimpedixxi lis-soċjetà esponenti li tintavola il-mandat inkwistjoni. Però, kif wkoll ġa ngħad, ma hemm l-ebda ordni għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi inkwistjoni.*

6. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, inkwantu jirrigwarda l-esekuzzjoni taħt l-Artikolu 253(e) issir referenza għal ġurisprudenza nostrana u b'mod partikolari għal kawża fl-ismijiet* ***"Arkitett u Inġinier Ċivili Mario Cassar -vs- Decas Limited et"*** *deċiża minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Ġunju 2021 (Rikors Nru. 154/2021 VGA), fejn apparti li saret referenza għal ġurisprudenza msemmija fil-paragrafi preċedenti, saret ukoll referenza għal ġurisprudenza rigwardanti appuntu l-esekuzzjoni taħt l-imsemmi Artikolu 253(e) tal-Kap. 12.*

7. *Illi fil-paragrafu 12 tas-sentenza imsemmija, din il-Qorti* inter alia *kienet qalet:*

Pereżempju fil-kawża fl-ismijiet **Dr Georg Sapiano v. Jette Scott et** (Rik. 308/16, deċiż fil-25 ta' Novembru 2016) ir-rikorrenti kienu talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka mandat ta' qbid eżekuttiv li kien inħareġ fil-konfront tagħhom stante illi dan kien maħruġ in eżekuzzjoni ta' kambjala li kienet għada ma saritx titolu eżekuttiv peress illi l-proċeduri għas-sospensjoni tagħha taħt l-Art. 253(e) tal-Kap. 12 kienu għadhom pendenti. Il-Qorti tal-Appell Superjuri kkonfermat is-sentenza tal-

Ewwel Qorti li kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrenti u ddikjarat li l-fatt li kien qed jiġi allegat u ċioė li l-kambjala kien għadha mhijiex titolu eżekuttiv, ma kienx sempliċiment punt ta' natura proċedurali iżda kien imiss is-sustanza tat-talba tagħhom. Ġaladarba l-mandat kien inħareġ mill-Qorti kompetenti u ma kien hemm ebda żball fil-mod kif ġie ordnat, allura t-talba tar-rikorrenti kienet destinata li tfalli:

'Minn dawn is-sentenzi joħroġ ċar li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 281 imsemmi u waslet għall-konklużjoni ġusta li l-mandat in kwistjoni la għandu difetti fil-forma tiegħu u li l-ħruġ tiegħu sar korrettement. **Anke l-fatt li l-kambjala iffirmata mill-appellanti qed tiġi attakkata separatament bi proċeduri oħra ma jfissirx li t-talba magħmula taħt l-Artikolu 281 għandha tiġi milqugħa għax dan ma jaffettwa xejn il-ħruġ 'per se' tal-mandat"** (fn. 4 Enfasi tal-esponenti)

8. *Illi mbagħad fil-paragrafu sussegwenti il-Qorti għamlet kompliet tidħol f'dan il-punt qalet is-segwenti:*

Hekk ukoll fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Ivan Gatt noe v. Antoine Bartolo** (Rik. Nru. 42/2019 RGM, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019) il-kwistjoni kienet waħda simili iżda kienet tinvolvi promissory note li r-rikors għas-sospensjoni tagħha taħt l-Art. 253(e) kien diġà ġie deċiż u d-digriet kien pendenti l-eżitu tal-appell. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet is-segwenti:

"Skont l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 Promissory Note hija titolu eżekuttiv. Dan is-sub-inċiż jipprovdi kjarament illi sakemm l-eżekuzzjoni ta' tali promissory note ma tiġix sospiża wara proċeduri appożiti, hija tibqa' titolu eżekuttiv u allura enforzabbli bis-saħħa kollha lilha mogħtija mil-liġi qua titolu eżekuttiv. Imbagħad skont l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 Promissory Note tista' tiġi eżegwita bil-mandati eżekutivi "...jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju." Fil-kawża odjerna il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv inħareġ ferm wara jumejn lil-ittra uffiċjali (fn. 5 Bħal fil-każ odjern) tas-7 ta' Novembru 2018 ġiet notifikata lil Antoine Bartolo. Tenut kont li sallum l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv naxxent mill-promissory note de quo ma hiex sospiża, it-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 2070/18 ma hiex legalment fondata."

*9. Illi l-mandat inkwistjoni* prima facie *jħares dak kollu li tipprovdi il-liġi għas-siwi tiegħu."*

## Id-Digriet Appellat

5. L-Ewwel Qorti waslet għad-digriet appellat billi kkunsidrat is-segwenti:

1. *"F'din il-kawża r-rikorrent eżekutat qed jitlob lill-Qorti tirrevoka l-mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 463/2024 li nħareġ kontrih fl-4 ta' Marzu 2024 fuq talba tal-intimata eżekutanta. Dan il-mandat kien inħareġ sabiex l-intimata eżekutanta teżegwixxi titolu eżekuttiv konsistenti f'*"tlettax-il kambjala li lkoll immaturaw liema kambjali ġew reżi eżekuttivi permezz tal-ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-Artikolu 253 u 256(2) tal-Kap. 12, datata 25 ta' Mejju 2023 (Ittra Uffiċjali 1640/2023) debitament notifikata u li kopja tagħha annessa bħala Dok D".

2. *L-artikolu tal-liġi li taħtu nfetħet din il-proċedura huwa l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jaqra kif ġej:*

   **'281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.**

   **(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:**

   **Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perijodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.**

   **(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perijodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.**

   **(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.**

   **(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.'**

*Fir-rigward ta' dan l-artikolu tal-liġi l-pożizzjoni tradizzjonali li ġiet ritenuta diversi drabi mill-Qrati tagħna (fn. 4 Fosthom sensiela ta' sentenzi mogħtija mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef inkluż* ***HSBC Bank Malta P.l.c. (C 3177) v. Doris Conchin*** *(Rik Nru 633/2011JRM) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Lulju 2011,* ***Edward Pace v. Michael Sultana et****. (Rik. Nru. 287/05 JRM deċiż fil-5 ta' Mejju 2005),* ***Emanuel Vella v. Lloyd's Malta Limited et****. (Rik Nru 985/03/JRM deċiż fit-30 ta' Ottubru 2003) u l-ewwel waħda li fiha tissemma l-kelma "għelt" is-sentenza fl-ismijiet* ***Colette Sciberras v. Saviour Sciberras*** *(Rik. 2884/00 JRM, deċiża fit-13 t'Ottubru 2000) u kif sew qalet l-intimata fir-risposta tagħha, hija dik li t-talba ta' persuna li jinħareġ kontra tagħha mandat eżekuttiv sabiex ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta titlob li l-istess mandat jiġi mħassar għal kollox jew parti minnu għandha tkun marbuta:*

"ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-intimat eżekutat ibati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jigi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A [281] jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra.

Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawża preżenti mhuwiex Mandat kawtelatorju.

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid

tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat ..."

4. *Qalet ukoll sew l-intimata fir-risposta tagħha illi kienet din il-Qorti kif presjeduta illi fis-sentenza ċitata minnha (fn. 5 AIC Mario Cassar v. Decas Limited (QTM, Rik 154/2021 VA, 28/06/2021) abbraċċjat u għamlet tagħha ġurisprudenza fejn il-Qorti tal-Appell (Superjuri) u l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili t-tnejn rritenew illi l-fatt li jkun hemm proċeduri pendenti fuq is-siwi, l-eżegwibilità jew in-natura tat-titolu eżekuttiv ma jfissirx illi l-mandat ikollu difett fil-forma tiegħu jew li jkun inħareġ b'mod skorrett.*

5. *Madanakollu dan ma jfissirx illi biż-żmien il-pożizzjoni ta' ġudikant dwar materja ta' natura legali ma tistax tinbidel partikolarment fejn ikunu seħħew jew bdew iseħħu żviluppi oħra fil-ġurisprudenza illi jkunu jinneċessitaw tali rikonsiderazzjoni. Wara kollox daqs kemm il-liġijiet nfushom huma ħajjin, jinbidlu u jevolvu maż-żmien skont il-ħtiġijiet varji tas-soċjetà, daqstant ieħor tista' tkun fluwida l-interpretazzjoni tagħhom meta dan ikun ġustifikat.*

6. *Kif sew qal l-Imħallef Toni Abela fid-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Aġenzija tas-Sistema ta' Inforzar Lokali v. Sonia Vella** (Rik. 1342/2023):*

"... r-raġunijiet għal fejn jista' jintalab it-tħassir taħt dan l-artikolu twessgħu permezz ta' sentenzi riċenti u m'għadhiex kif kienet il-posizzjoni sa ftit żmien ilu, fejn ir-raġunijiet kienu ristretti ħafna. Di fatti il-Qorti tal-Appell fid-digriet **Vincent Gauci vs Dr. Albert Fenech** mogħti fis-27 ta' Marzu, 2020, għamlitha ċara li kienet qiegħda titbiegħed mill-pożizzjoni ristrettiva u magħluqa meħuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet **Edward Pace et vs Michael Sultana** tal-5 ta' Mejju, 2005. Il-Qorti tal-Appell saħqet li l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jiġi użat mhux biss fejn l-att esekuttiv ikun inħareġ minn qorti żbaljata jew meta jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Dan għaliex il-kliem "għal raġuni valida skont il-liġi" huma żgur iktar wesgħin minn dawk iż-żewġ każijiet. Bħala punt ta' importanza legali, irid ukoll jiġi puntwalizzat li kwistjonijiet ta' natura proċedurali huma ta' ordni pubbliku u li ebda Qorti ma tista' titbiegħed lill hinn minn dak li trid il-proċedura (Ara Sentenza fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi Interni -vs- Medairco Ltd** deċiża fil-11 ta' Novembru 2011)."

7. *Il-Qorti tagħmel tagħha l-kliem għaqli tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Fenech v. Charmaine Zammit pro. et. noe** (PA, Rik. 1427/2023 DC, 27/02/2024) meta din qalet is-segwenti:*

"F'digriet mogħti fit-12 ta' Settembru 2019 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta f'l-atti tal-mandat fl-ismijiet **Dr Abigail Critien et vs Fair Trading Limited** intqal hekk: ...

« ... Illi, b'żieda ma' dan, l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 281 tgħodd fejn issir talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, tal-att eżekuttiv, u mhux tas-sospensjoni tal-effetti tiegħu;

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-motiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. **<u>Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli</u>** (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi l-Qorti tagħraf li, madankollu, **fil-qafas ta' dak li ngħad aktar qabel, biex jista' jinħareġ att eżekuttiv, irid tabilfors ikun hemm titolu eżekuttiv**. **Għalhekk, l-eżekuttività (b'distinzjoni mis-siwi tal-mertu tiegħu) tat-titolu trid tirriżulta biex wieħed jista' jqis is-siwi tal-att eżekuttiv li jintalab bis-saħħa tiegħu. Kemm hu hekk, f'dawn l-aħħar żminijiet, ingħad ukoll li n-nuqqas ta' eżistenza ta' titolu eżekuttiv ukoll taqa' fil-parametri tal-istħarriġ dwar "raġuni tajba" li qorti tista' tintalab tagħmel** f'azzjoni mibdija taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta»

*Illi dwar n-nuqqas tal-eżistenza ta' titolu eżekuttiv bħala waħda mir-"raġunijiet tajba" li tista' tistħarreġ il-Qorti f'azzjoni tentata taħt l-artikolu 281 kienet tal-istess ħsieb il-Qorti tal-Appell f'sentenza mogħtija fit-3 ta' Marzu 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Mary Saliba vs Charles Saliba** meta qalet li:*

> « jekk tassew ma kienx hemm titolu eżekuttiv dan ikun biżżejjed biex jitħassar il-mandat taħt l-art. 281. »

8. *Il-Qorti għalhekk tħoss illi la darba fir-rikors de quo ir-rikorrent qed jilmenta dwar in-nuqqas t'eżegwibilità tat-titolu eżekuttiv li abbażi tiegħu nħareġ il-mandat eżekuttiv tal-intimata, huwa kompitu tagħha u in linea mal-iżviluppi aktar riċenti fil-ġurisprudenza illi tindaga jekk dan hux il-każ billi jekk jirriżulta dan, jista' ikun hemm* "raġuni valida" *għat-tħassir tal-att eżekuttiv.*

9. *Permezz tar-rikors tiegħu r-rikorrent jisħaq li l-intimata eżekutanta kellha d-dritt biss li tintavola talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u mhux mandat eżekuttiv*

*peress illi pendenti quddiem din il-Qorti, diversement presjeduta, hemm proċeduri għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni. In sostenn ta' dan ir-rikorrent jgħid illi li kieku l-ispirtu tal-leġislatur kien illi* "mal-intavolar tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, wieħed jista' jintavola mandat eżekuttiv, ma kienx jinkludi l-Artikolu 833Ċ tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta*". L-Art. 833Ċ ċitat mir-rikorrent ġie introdott permezz tal-Att XXVII tal-2021 u jipprovdi kif ġej:*

**'833Ċ. Fejn ittra ġudizzjarja tkun ġiet ippreżentata biex tirrendi l-kambjali jew *promissory notes* eżegwibbli skont il-proviso tal-artikolu 253(e), jistgħu jiġu ppreżentati l-mandati kawtelatorji msemmija fl-artikolu 830(1)(a), (b) u (d):**

**Iżda meta din l-ittra tiġi ppreżentata biex tirrendi l-kambjali jew *promissory notes* eżegwibbli skont il-proviso tal-artikolu 253(e), l-applikant għandu jehmeż kopja ta' dik l-ittra fl-atti tal-mandat kawtelatorju, u tali mandat għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tat-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi'.**

10. *L-intimata min-naħa tagħha apparti illi tiċċita l-ġurisprudenza fuq imsemmija sabiex tisħaq li l-Qorti m'għandhiex kompitu li tindaga dwar it-titolu eżekuttiv li abbażi tiegħu nħareġ il-mandat eżekuttiv, tgħid illi diment illi ma kienx għad hemm (u sal-ġurnata tal-lum m'hemmx) l-ebda ordni ta' Qorti għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha allura xejn ma jista' jwaqqafha milli teżegwixxi t-titolu eżekuttiv tagħha bis-saħħa tal-Art. 256(2) tal-Kap. 12. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:*

**'256.(1) Kull sentenza oħra definittiva illi ma jkunx fiha kondizzjonijiet sospensivi, u li tkun tikkundanna lid-debitur għal ħlas ta' somma likwida, jew biex jagħti jew jitlaq ħaġa ċerta, jew biex jesegwixxi fatt jew obbligu partikolari, hija esegwibbli wara jumejn minn dakinhar li tingħata.**

**(2) L-esekuzzjoni ta' kull titolu eźekuttiv ieħor ma tistax issir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju.'**

11. *Il-Qorti tagħmel riferenza għal partijiet mid-dibattiti parlamentari li ppreċedew id-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2021 fuq imsemmi fejn fost affarijiet oħra ntqal is-segwenti:*

**"ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS: ... irid ikun hemm ukoll mandat kawtelatorju meta tinħareġ ittra uffiċjali tal-kambjali. Għalfejn? Għax, jekk id-debitur jirċievi l-ittra uffiċjali mingħajr ma jinħariġlu mandat kawtelatorju, naturalment dan se jittrasferixxi l-assi u l-fondi li għandu biex wieħed ma jkunx jista' jesegwixxi t-titolu tiegħu. Issa hawnhekk ta' min jgħid li anke f'dan il-każ, inġibditli l-**

**attenzjoni li qed ikun hemm ġurisprudenza varja fejn min qed jingħata raġun fuq dan il-punt u min le. Jien naqbel li l-ġustizzja għandha tkun aċċessibbli, però għandu jkun hemm ċertezza legali għaċ-ċittadin, u ma jistax ikun li tibqa' tipprevali sitwazzjoni fejn lil ċittadin "A" tiġih tajba u jinħariġlu mandat kawtelatorju minħabba li f'dak il-każ il-Qorti tkun fehmet li l-mandat kawtelatorju huwa validu, u mbagħad imur ċittadin "B" bl-istess fatti quddiem il-Qorti u dan jibqa' ma jingħatax raġun. F'dan il-każ, ċittadin "B" jkollu raġun jistaqsi kif ċittadin "A" ngħata raġun mill-Qorti filwaqt li hu le. Din mhijiex ċertezza legali u mhijiex xi ħaġa permissibbli fis-sistema tagħna. Għalhekk, biex noqtlu din id-diverġenza fl-insenjament tal-qrati, ħassejna li, anke f'dan il-każ, għandna nagħmlu emenda partikolari biex jiddaħħal mandat kawtelatorju a tenur ta' artiklu 830 ta' Kap. 12 tal-Liġijiet tagħna fejn issa, permezz ta' din l-emenda, id-debitur se jkun kostrett li jħallas għax se jkollu l-assi ta' dik il-pretensjoni kawtelati. Dan ifisser li wara li d-debitur** (sic!) **ikollu titolu eżekuttiv, huwa jkun jista' jesegwih.**

**Dan hu l-ispirtu tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum, Sur President. Fi ftit kliem, dan l-Abbozz ta' Liġi qiegħed hemm biex idaħħal ċertezza legali ... fil-każ tal-privat: jekk ma jkunx jista' jinħareġ mandat kawtelatorju fil-mument li d-debitur ikun ġie notifikat bil-kambjali, hemmhekk il-proċedura għandha terġa' tiġi stultifikata. Għalhekk, li qed nagħmlu hawnhekk qed nagħmluh bil-għan li nagħtu ċertezza legali f'din il-proċedura…** (fn. 6 Sessjoni Plenarja tat-Tlettax-il Parlament – Seduta Nru 407 tal-Erbgħa, 2 ta' Diċembru 2020, p. 280)"

**"ONOR JOSEPH ELLIS: ... li dan l-Abbozz ta' Liġi qed jippermetti li wieħed jagħmel ittra uffiċjali b'mandat kawtelatorju biex jirrendi kambjala eżekuttiva naħseb li hija xi ħaġa loġika u konsonanti bl-iżviluppi li kien hemm f'artikolu 166A u m'hemm l-ebda diffikultà ta' xejn, għax wara kollox jekk biex tirrendi kambjala eżekuttiva tuża l-istess metodu li kien isir qabel u allura tagħmel kawża – il-famuż "actio cambiaria" – xorta tista' tagħmel mandat kawtelatorju, jiġifieri din hija innovazzjoni tajba u pożittiva."** *(Ibid, p. 288)*

12. *Il-Qorti tqis illi s-suġġett ta' dan id-dibattitu li kien fil-kuntest tal-introduzzjoni tal-Art. 833Ċ kien differenti minn dak li qed jiġi diskuss fil-kawża odjerna għaliex hemmhekk il-kwistjoni kienet jekk kreditur għandux id-dritt li jintavola mandat kawtelatorju flimkien mal-preżentata ta' ittra sabiex trendi eżegwibbli kambjali taħt l-Art. 253(e) tal-Kap. 12. Mentri fil-każ in eżami l-kwistjoni hija dik jekk il-kreditur għandux id-dritt addirittura illi jitlob il-ħruġ ta' mandat eżekuttiv appena ikollu kambjala li tkun ġiet reża eżekuttiva taħt l-Art. 256(2) tal-Kap. 12,*

*irrispettivament minn jekk is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha tkunx qed tiġi mitluba taħt il-proviso tal-Art. 253(e).*

13. *Fiż-żewġ kwistjonijiet il-Qorti però tara illi hemm elementi komuni x'jiġu kkunsidrati fosthom **id-distinzjoni kruċjali bejn titolu eżekuttiv u l-eżegwibilità/eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv**.*

14. *Kif qalet tajjeb il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha fl-ismijiet **George Edward Spiteri v. Marsaxlokk Football Club et.** (PA, Rik 95/2016 LM, 15/07/2016):*

    "It-titlu eżekuttiv jista' jiġi akkwistat b'diversi modi li huma msemmijin fl-artiklu 253 tal-Kap 12: permezz ta' sentenza jew digriet tal-Qorti; lodo ta' arbitru; deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar; ftehim ta' medjazzjoni reżi inforzabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Medjazzjoni; kuntratti ppubblikati minn Nutar fejn il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi att; u l-kambjala.

    **Illi b'danakollu, l-akkwist ta' titolu eżekuttiv ma jfissirx li jista' jiġi infurzat dejjem u minnufih** (sottolinear u emfażi miżjuda minn din il-Qorti). Kif għadu kif ingħad, kull sentenza tal-Qorti hija titolu eżekuttiv (Art. 253(a)), iżda ċerti sentenzi huma eżegwibbli wara li jgħaddu 24 siegħa minn meta jiġu ppronunzjati (Art. 255 Kap 12) filwaqt li s-sentenzi definittivi l-oħrajn huma inforzabbli wara jumejn mill-pronunzja (Art. 256 Kap. 12). Ħlief għal ċerti eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 267 tal-Kap. 12, sentenza li tkun appellata ma tkunx inforzabbli ħlief fuq talba ta' xi parti interessata (Art. 266(1) Kap 12). Mela sentenza tal-Qorti, għalkemm hija titolu eżekuttiv, u ssir hekk appena tiġi ppronunzjata, mhix inforzabbli qabel ma ssir res judicata, ċjoè jekk ma tkunx appellabbli, meta jgħaddi t-terminu tal-appell u ma jsirx appell, inkella meta jsir appell u jinqata'..."

15. *Fir-rigward ta' kambjala li tkun immaturat il-liġi hija ċara fis-sens illi din hija **titolu eżekuttiv** bis-saħħa tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12. Il-kreditur m'għandu jagħmel xejn sabiex irendi il-kambjala bħala titolu eżekuttiv, b'kuntrast per eżempju mal-kreditur li jintavola ittra uffiċjali taħt l-Art. 166A u li ma tkunx ġiet ikkuntestata mid-debitur entro tletin (30) ġurnata min-notifika, li jrid ta' bilfors jirreġistra dik l-ittra taħt l-Art. 166B tal-Kap. 12 sabiex jottjeni titolu eżekuttiv.*

16. *Il-pern tal-kwistjoni hija **meta** jista' kreditur li jkollu kambjala li tkun diġà titolu eżekuttiv **jenforza** ossia jeżegwixxi dak it-titolu eżekuttiv bil-mezzi li ttiħ il-liġi fl-Art. 273 tal-Kap. 12?*

17. *L-intimata qed tgħid illi dan tista' tagħmlu wara li jgħaddu jumejn minn mindu tinnotifika lid-debitur b'sejħa għall-ħlas ai termini tal-Art. 256(2). Fit-trattazzjoni*

*finali filfatt l-abbli avukat difensur tagħha insista illi bl-ittra uffiċjali numru 1640/2023 li huwa ppreżenta sabiex irendi il-kambjali eżegwibbli taħt il-proviso ta' Art. 253(e), huwa seta' (i) jintavola talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju minnufih malli ppreżenta l-ittra msemmija, ai termini tal-Art. 833Ċ, u (ii) wara li jgħaddu jumejn min-notifika tal-ittra (liema ittra ġiet ippreżentata ukoll ai termini tal-Art. 256(2)), jintavola talba għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv, kif fil-fatt għamel.*

18. *Id-difensur legali tar-rikorrent min-naħa tiegħu qal illi dan ikun* a contrario sensu *peress illi (i) l-leġislatur ma kienx idaħħal l-Art. 833Ċ fil-liġi li kieku l-kreditur jista' jeżegwixxi kambjala wara jumejn min-notifika tas-sejħa għall-ħlas, u (ii) l-proċedura taħt il-proviso tal-Art. 253(e) tiġi stultifikata.*

19. *Il-Qorti tqis illi kemm il-proviso taħt l-Art. 253(e) u kemm l-Art. 256(2)* ***it-tnejn li huma*** *jirregolaw u jipprovdu għal kif kreditur li jkollu titolu eżekuttiv konsistenti f'kambjali ikun jista' jeżegwixxi ossia jenforza dak it-titolu. Filwaqt li l-Art. 256(2) tapplika għat-titoli eżekuttivi kollha li jkunux sentenzi definittivi tal-Qorti li jaqgħu taħt l-Art. 256(1) jew sentenzi tal-Qorti/Arbitraġġ eżegwibbli wara 24 siegħa taħt l-Art. 255, inkluż allura għall-kambjali, il-proviso għall-Art. 253(e) japplika biss għall-eżegwibilita tal-kambjali.*

20. *Dan ifisser illi hemm kontradizzjoni f'dak li jirrigwarda l-eżegwibilità/enforzar ta' kambjali, għaliex filwaqt li l-Art. 256(1) jrendihom eżegwibbli wara jumejn min-notifika tal-sejħa għall-ħlas, il-proviso taħt l-Art. 253(e) jrendihom eżegwibbli biss wara li jgħaddu għoxrin (20) ġurnata min-notifika tal-ittra uffiċjali lid-debitur li ma jkunx oppona l-eżekuzzjoni tagħhom* ***jew*** *f'każ dawn ikunu ġew kontestati, malli l-Qorti tiddeċiedi b'mod definittiv (fn. 8 Għalkemm deċiżjoni ta' Qorti li l-eżekuzzjoni ta' kambjala għandha tiġi sospiża* ***m'hijiex suġġetta għal appell****, madanakollu deċiżjoni li tali eżekuzzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqfa, tista' tiġi appellata) illi tiċħad talba sabiex titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom.*

21. *Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Emmanuele Micallef v. Vincent Scerri*** *(15/05/1953, Kollez. Vol. XXXVII P I p 176):*

> "billi hija regola ta' interpretazzjoni li ebda liġi ma għandha titqies kontradittorja fiha nnifsiha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-ġudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skont l-intenzjoni tal-leġislatur u b'quddiem għajnejh ir-raġunijiet li ġiegħlu lil-leġislatur jiddetta l-liġi. Il-ġudikant għalhekk għandu jirrikorri għall-mens legis biex jagħti dik l-Interpretazzjoni li tikkorrispondi għall-ispirtu informatur tal-liġi".

22. *Hekk ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet ġa ċitat, ossia dak mogħti fl-ismijiet **George Edward Spiteri v. Marsaxlokk Football Club et**. (PA, Rik 95/2016 LM, 15/07/2016) qalet illi:*

    "... ntqal ukoll mill-Qrati tagħna li "huwa anki dover preċiż tal-ġudikant illi, minħabba dawk iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, jara x'inhi l-probabbli intenzjoni tal-leġislatur f'dawn il-każijiet, u japplika dispożizzjoni u jinterpretaha b'mod li jista' jirrikoċiljaha mal-liġijiet l-oħra, biex l-applikazzjoni tagħha ma tiġix inġusta ... **Emmanuele Bonello vs. Edward Percy Larchin** 15.12.1945 Kollez. XXXII.i.309"

23. *Il-Qorti tikkunsidra illi ġaladarba hemm artikolu speċifiku tal-liġi illi jirregola kif għandhom jiġu eżegwiti kambjali, liema artikolu daħal fis-seħħ fl-2004, dan għandu jingħata prijorità fuq artikolu ieħor tal-liġi li apparti li japplika għal titoli eżekuttivi b'mod ġenerali (u ma jsemmix espressament il-kambjali), ilu fis-seħħ fil-liġi tagħna għal sew iktar minn seklu!.*

24. *Il-Qorti tħoss li din l-interpretazzjoni hija l-iżjed waħda li tirrispetta r-rieda tal-leġislatur. Fuq kollox ftit li xejn jista' jagħmel sens illi jinħareġ mandat eżekuttiv favur kreditur abbażi ta' titolu eżekuttiv **li fi stadju ulterjuri jista' jiġi ddikjarat mill-Qorti (permezz ta' digriet li m'huwiex appellabbli) illi m'huwiex eżegwibbli taħt l-Art. 253(e)**. Jekk jiġri hekk, il-kambjali bħala titolu eżekuttiv **effettivament jitilfu s-saħħa tagħhom** f'liema każ imbagħad il-kreditur ikun tilef waħda mill-iktar karatteristiċi importanti tagħhom u jkun jista' biss jagħmel azzjoni kambjarja billi jiftaħ kawża* ad hoc *sabiex jottjeni titolu eżekuttiv ieħor (ossia sentenza tal-Qorti).*

25. *M'hemmx dubbju għal Qorti illi jekk kreditur jitħalla jeżegwixxi kambjala **qabel** ma jiġi konkluż il-proċess previst taħt il-proviso tal-Art. 253(e), jiġu stultifikati l-għanijiet li għalihom iddaħħlet fis-seħħ tali proċedura.*

26. *Għalhekk il-Qorti tqis illi l-fatt illi fil-każ in eżami ġew kontestati l-kambjali in kwistjoni u għad hemm pendenti il-proċedura għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħhom, iwassal għal raġuni valida fil-liġi sabiex tħassar il-mandat eżekuttiv de quo.*

27. *Għalkemm tista' tieqaf hawn il-Qorti tħoss illi għandha tidħol ukoll fuq kwistjoni li ġiet sollevata mill-avukat difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni finali u ċioe illi l-mandat eżekuttiv għandu jiġi rexiss ukoll għaliex ma ġewx esebiti l-kambjali mal-ittra uffiċjali li abbażi tagħha nħareġ il-mandat u dan bi ksur tal-Art. 274(3) tal-Kap. 12. Għad li ma ġietx imsemmija fir-rikors promotur il-Qorti tqis illi din il-*

*kwistjoni hija waħda importanti biżżejjed li tista' addirittura titqajjem* ex-officio *minnha jekk tirriżulta fondata.*

28. *L-Art. 274(3) tal-Kap. 12 jgħid hekk:*

**'274. (3) Fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort'oħra milli sentenza tal-qorti li lilha hi magħmula t-talba, kopja tal-istess titolu u tal-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skont l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba.'**

29. *Il-Qorti tista' tistrieħ biss fuq l-atti li għandha quddiemha. Fil-kopja tal-mandat eżekuttiv li hemm esebita fl-atti għalkemm jidher illi għalkemm l-intimata eżekutanta (rikorrenti f'dik il-proċedura) esebiet "**l-att li fih in-notifika**" ossia littra uffiċjali numru 1640/2023, madanakollu ma esebietx flimkien ma' dik l-ittra (għalkemm hemm riferenza għalihom fil-korp tagħha) "**kopja tal-istess titolu**" ossia kopja tal-kambjali nfushom. Dan iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi li anke din hija raġuni valida fil-liġi sabiex tħassar il-mandat eżekuttiv de quo."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-12 ta' April, 2024, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla id-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' April 2024 fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi u b'hekk tiċħad ir-Rikors tar-Rikorrent Jake Gauci ippreżentat fit-12 ta' Marzu 2024 permezz ta' liema talab it-tħassir u r-revoka tal-Mandat ta' Qbid Eżekuttiv Nru. 463/2024 fl-ismijiet fuq premessi "COSECASA LTD (C 15933) -VS- JAKE GAUCI (K.I. 351690M)*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-Rikorrent Jake Gauci."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-konklużjonijiet li laħqet l-Ewwel Qorti huma żbaljati kemm legalment kif ukoll fattwalment.

7. L-appellat għażel li ma jweġibx, imma għamel is-sottomissjonijiet tiegħu waqt it-trattazzjoni finali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tas-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mill-avukati difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni finali.

9. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konklużjonijiet tagħha (a) li hemm raġuni valida fil-liġi sabiex jitħassar il-mandat eżekuttiv in kwistjoni; u (b) li d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 274(3) tal-Kap. 12 ma ġewx imħarsa, ġaladarba ma kienux annessi l-kambjali mal-ittra uffiċjali esebita mal-mandat. Tirrileva li l-Ewwel Qorti waslet għall-ewwel konklużjoni imsemmija, wara li għamlet riferiment għal dak li sejħet *'żviluppi fil-ġurisprudenza'* fir-rigward tal-artikolu 281 tal-Kap. 12, u għal dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet fl-ismijiet **Aġenzija tas-Sistema ta' Enforzar Lokali *vs.* Sonia Vella**, fejn għamlet riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-digriet tagħha fl-ismijiet **Vincent Gauci *vs.* Dr. Albert Fenech** tas-27 ta' Marzu, 2020. L-Ewwel Qorti tgħid li f'dan id-digriet tagħha, il-Qorti tal-Appell spjegat b'mod ċar x'riedet tfisser dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kliem *'għal raġuni valida skont il-liġi',* iżda tikkontendi li dan ma kienx japplika għall-każ odjern. Is-soċjetà appellanta tissottometti li l-punt kruċjali fil-proċeduri odjerni huwa jekk hija għandhiex titolu eżekuttiv. Tinsisti li m'hemm l-ebda kontradizzjoni, kif argumentat mill-Ewwel Qorti, bejn is-subartikolu 256(1) u l-para. (e) tal-artikolu 253 tal-Kap. 12, u għalhekk m'hemmx lok ta' interpretazzjoni. Hija tikkontendi li skont is-subartikolu 256(2) tal-Kap. 12, titolu eżekuttiv li mhux imsemmi fis-subartikolu ta' qabel, u b'hekk huma nklużi l-

kambjali, isir eżegwibbli wara jumejn min-notifika. Tirrileva li fil-każ odjern l-ittra uffiċjali kienet ġiet debitament notifikata, u għalhekk wara jumejn saret titolu eżekuttiv *ope legis*. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li hija ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fejn din qalet li l-para. (e) tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 irendi kambjali eżekuttivi wara għoxrin (20) ġurnata min-notifika jew minn meta l-Qorti tiddeċiedi b'mod definittiv ir-rikors għall-oppożizzjoni. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-liġi ma tipprovdix b'dan il-mod, u jekk il-leġislatur ried li l-preżentata tar-rikors iġib miegħu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, dan kien jgħidu b'mod ċar. Hija tkompli tgħid li l-liġi tipprovdi b'mod ċar li hija l-Qorti biss li tista' tissospendi permezz tad-digriet tagħha fejn it-talba ssir *ai termini* tal-para. (e) tal-artikolu 253 tal-Kap. 12, u proprju għalhekk il-leġislatur ħaseb ukoll għall-preżentata ta' mandati kawtelatorji. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li dawn tal-aħħar jiġu eżegwiti mal-ħruġ tagħhom, iżda mingħajr il-ħtieġa tan-notifika tad-debitur. Is-soċjetà appellanta ssostni għal darb'oħra li huwa biss digriet tal-Qorti li jiddetermina jekk mandat jibqax fis-seħħ, u għalhekk il-ġurisprudenza turi b'mod kostanti li l-intavolar ta' rikors taħt il-para. (e) tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 ma jwassalx għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni. B'hekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna r-revoka tal-mandat. Is-soċjetà appellanta hawnhekk tagħmel riferiment għall-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Ivan Gatt noe *vs.* Antoine Bartolo**, Rik. nru. 42/2019RGM, deċiżi fit-12 ta' Marzu, 2019, fejn tgħid il-kwistjoni kienet simili iżda minflok kienet tirrigwarda *promissory note.* Tispjega li f'dak il-każ ir-rikors għas-sospensjoni tal-*promissory note* kien ġie deċiż taħt il-para. (e) tal-artikolu 253, iżda d-digriet kien pendenti l-eżitu tal-appell. Is-soċjetà appellanta tagħmel ukoll riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Dr Georg Sapiano v. Jette Scott et**, Rik. 308/16, fejn ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel

Qorti li kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrenti, u ddikjarat li l-allegat fatt li l-kambjala kienet għadha mhijiex titolu eżekuttiv, ma kienx jikkostitwixxi punt ta' natura proċedurali, u ġaladarba ma kien hemm l-ebda żball fil-mod kif dan kien inħareġ, it-talba tagħhom ma setgħetx tirnexxi. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-pożizzjoni tal-qrati ġiet ikkonfermata iktar riċentement fil-proċeduri fl-ismijiet **Keith Davis Pace *vs.* Clyde Muscat et**, (Rik. nru. 312/2022NC) fil-5 ta' Mejju, 2022. Filwaqt li tisħaqq li ma teżisti l-ebda kontradizzjoni, u ma hemmx lok għall-interpretazzjoni tal-liġi, is-soċjetà appellanta tissottometti li d-digriet iċċitat mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet **George Edward Spiteri *vs.* Marsaxlokk Football Club et**, kien jirrigwarda mandat ta' sekwestru kawtelatorju, li nħareġ abbażi ta' kambjali, u l-proċeduri in kwistjoni kien saru meta ma kienx għadu daħal fis-seħħ l-artikolu 833Ċ tal-Kap. 12 permezz tal-Att XXVII tal-2021, li ta l-jedd għall-preżentata ta' mandati kawtelatorji fejn tkun ġiet segwita l-proċedura taħt il-para. (e) tal-artikolu 253 tal-Kap. 12, u dan fejn sa dakinhar kien hemm dubju jekk dawn setgħux ukoll jiġu ppreżentati. Għalhekk tgħid li kliem il-Qorti għandhom jinftehmu f'dak il-kuntest. B'riferiment għat-tieni punt li ġie deċiż mill-Ewwel Qorti, is-soċjetà appellanta tissottometti li l-preġudizzjali in kwistjoni ssemmiet biss l-ewwel darba fit-trattazzjoni finali, u dan ma kellux iwassal għar-revoka tal-mandat in kwistjoni. Tikkontendi li l-fatt li l-kambjali ma ġewx esebiti mal-ittra uffiċjali, ma renda l-ebda preġudizzju lill-appellat, u l-kwistjoni qamet biss fit-trattazzjoni finali. Is-soċjetà appellanta tirrileva li flimkien mal-mandat, kienet ġiet esebita l-ittra uffiċjali fejn kien hemm riferiment ċar għall-kambjali, u dan fejn kemm il-para. (e) tal-artikolu 253 u anki l-artikolu 257 tal-Kap. 12, ma jitolbux sabiex l-kambjali jiġu annessi mal-ittra uffiċjali. Barra minn hekk l-artikolu 833Ċ tal-Kap. 12 ma jitlobx li tiġi annessa kopja tal-kambjala mal-mandat.

10. Il-Qorti tgħid li s-soċjetà appellanta għandha raġun dwar l-ewwel kwistjoni, u l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta fid-deċiżjoni tagħha. Tagħraf li kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellanta, m'hemm l-ebda kontradizzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 256(1) u dawk tal-para. (e) tal-artikolu 253 tal-Kap. 12, liema dispożizzjonijiet huma ċari u ma jħallu l-ebda dubju li l-kreditur għandu kull jedd sabiex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu wara jumejn min-notifika ta' att ġudizzjarju lid-debitur fejn isejjħulu sabiex iħallas dak dovut lilu, iżda dan dejjem soġġett għall-jedd tal-istess debitur li fi żmien għoxrin jum mill-imsemmija notifika jitlob lill-Qorti sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew *promissory note* għal raġuni skont il-liġi. Għalhekk huwa daqstant inekwivoku li l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv in kwistjoni kien possibbli mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali lill-appellat fis-26 ta' Ġunju, 2023, li mbagħad kellu għoxrin jum sabiex jitlob li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjali, li seta' jseħħ biss permezz ta' digriet tal-Qorti. Tirrileva li jekk l-Ewwel Qorti kkunsidrat li *"...ftit li xejn jista' jagħmel sens illi jinħareġ mandat eżekuttiv favur kreditur abbażi ta' titolu eżekuttiv* ***<u>li fi stadju ulterjuri jista' jiġi ddikjarat mill-Qorti (permezz ta' digriet li mhuwiex appellabbli) illi mhuwiex eżegwibbli taħt l-Art. 253(3)</u>****",* wisq inqas huwa loġiku l-ħsieb li titolu eżekuttiv m'għandu l-ebda saħħa f'idejn il-kreditur fejn dan qed jiġi kostrett mil-liġi li jintavola mandat kawtelatorju minflok dak eżekuttiv. Il-Qorti tagħraf li tassew huma l-qrati li jistgħu permezz ta' digriet jissospendu l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv mogħti mil-liġi, u dan fil-parametri stabbiliti mill-istess liġi. Tgħid li bl-ebda mod ma jista' jiġi kkunsidrat li s-sospensjoni ta' dak it-titolu hija waħda awtomatika li qiegħda tingħata mil-liġi stess.

11. It-tieni punt li qiegħed jiġi ssollevat mis-soċjetà appellanta, jirrigwarda l-fatt li l-kambjali ma ġewx esebiti flimkien mal-ittra uffiċjali esebita mal-mandat in kwistjoni, fatt li l-Ewwel Qorti qieset bħala raġuni valida sabiex jitħassar dak il-mandat. Din l-Qorti mhijiex tal-istess fehma, għaliex ma tikkunsidrax li dan in-nuqqas jikkostitwixxi raġuni valida sabiex hija tgħaddi u tħassar l-imsemmi mandat. Tikkunsidra li kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellanta, l-appellat ma sofra l-ebda preġudizzju riżultat ta' dan in-nuqqas, għaliex wara kollox jirriżulta mill-atti li kopji legali tal-kambjali kienu ġew annessi mal-ittra uffiċjali msemmija, li mbagħad kopja legali tagħha ġiet meħmuża mal-mandat eżekuttiv mertu ta' dawn il-proċeduri.

12. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat, u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu, filwaqt li tirrevoka u tannulla d-digriet appellat, u tiċħad ir-rikors tal-appellat tat-12 ta' Marzu, 2024, fejn dan talab sabiex jitħassar u jiġi revokat l-mandat ta' qbid eżekuttiv numru 463/2024 fl-ismijiet CoseCasa Ltd (C 15933) *vs*. Jake Gauci (K.I. nru. 351690(M)), bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**